

Kriterji ta' assenjazzjoni tal-kawżi lill-awli

(2010/C 288/08)

Fl-20 ta' Settembru 2010, il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet kif ġej il-kriterji għall-assenjazzjoni tal-kawżi lill-awli għall-perijodu mill-20 ta' Settembru 2010 sal-31 ta' Awwissu 2011, skont l-Artikolu 12 tar-Regoli tal-Proċedura:

1. L-appelli mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku huma assenjati, mill-preżentata tar-rikors, bla ħsara għal applikazzjoni ulterjuri tal-Artikoli 14 u 51 tar-Regoli tal-Proċedura, lill-Awla tal-Appell.
2. Il-kawżi l-oħra li ma jaqgħux taħt il-paragrafu 1 huma assenjati, mill-preżentata tar-rikors u bla ħsara għal applikazzjoni ulterjuri tal-Artikoli 14 u 51 tar-Regoli tal-Proċedura, lill-awli komposti minn tliet Imħallfin.

Il-kawżi li jaqgħu taħt dan il-paragrafu jitqassmu bejn l-awli skont tliet listi differenti stabbiliti skont l-ordni ta' reġistrazzjoni tal-kawżi fir-Reġistru:

- għall-kawżi li jirrigwardaw l-implementazzjoni ta' regoli ta' kompetizzjoni applikabbli għall-imprezi, ta' regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat u ta' regoli dwar il-miżuri ta' difiża kummerċjali;
- għall-kawżi li jirrigwardaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali msemmija fl-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura;
- għall-kawżi kollha l-oħra.

Fil-kuntest ta' dawn il-listi, l-awla bi tliet Imħallfin komposta minn erba' Mħallfin ser tittieħed inkunsiderazzjoni darbtejn kull darba li t-tielet lista tiġi applikata.

Il-President tal-Qorti Ġenerali jista' jidderoga minn dawn il-listi sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-konnessjoni ta' ċerti kawżi jew sabiex jiżgura li x-xogħol jiġi assenjat b'mod ibbilanċjat.

Nomina tal-Imħallf li jissostitwixxi l-President bħala Mħallf għal miżuri provviżorji

(2010/C 288/09)

Fl-20 ta' Settembru 2010, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, skont l-Artikolu 106 tar-Regoli tal-Proċedura, li tinnomina lill-Imħallf M. Prek biex jissostitwixxi lill-President tal-Qorti Ġenerali fil-każ ta' assenza jew ta' impediment bħala Mħallf għal miżuri provviżorji għall-perijodu mill-20 ta' Settembru 2010 sal-31 ta' Awwissu 2011.
